

22004D0011

L 116/60

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.4.2004

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 11/2004

tas-6 ta' Frar 2004

li temenda l-Anness II (Regolamenti takniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni), l-Anness X (Servizzi awdjoviżivi) u l-Anness XI (Servizzi ta' telekomunikazzjoni) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendata bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 ⁽¹⁾.
- (2) L-Anness X mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2001 tat-28 ta' Frar 2001 ⁽²⁾.
- (3) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ⁽³⁾.
- (4) Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar aċċess għal, u interkonnessioni ta', xbieki ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva dwar Aċċess) ⁽⁴⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar Awtorizzazzjoni) ⁽⁵⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva qafas) ⁽⁶⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (7) Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u drittijiet ta' utenti konnessi ma' xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet u servizzi (Direttiva dwar Servizzi Universali) ⁽⁷⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (8) Għandha titqies dovutement is-sitwazzjoni speċifika tal-Liechtenstein u x-xibka żgħira ħafna ta' telekomunikazzjonijiet tiegħu li tirrikjedi adattamenti speċifiċi għad-Direttiva ta' Aċċess u għad-Direttiva dwar Servizz Universali.
- (9) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 90/387/KEE ⁽⁸⁾, u 92/44/KEE ⁽⁹⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 92/264/KEE ⁽¹⁰⁾ u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/47/KE ⁽¹¹⁾, 97/13/KE ⁽¹²⁾, 97/33/KE ⁽¹³⁾ u 98/10/KE ⁽¹⁴⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim u konsegwentement għandhom ikunu rrevokati taħt il-Ftehim,

⁽¹⁾ ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 117, tas-26.4.2001, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 45.

⁽⁴⁾ ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 7.

⁽⁵⁾ ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 21.

⁽⁶⁾ ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 51.

⁽⁸⁾ ĠU L 192, ta' l-24.7.1990, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 165, tad-19.6.1992, p. 27.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 137, ta' l-20.5.1992, p. 21.

⁽¹¹⁾ ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 51.

⁽¹²⁾ ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 15.

⁽¹³⁾ ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 32.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 101, ta' l-1.4.1998, p. 24.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XI mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin ikunu inseriti wara l-punt 5ci (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE):

“5cj. **32002 L 0019:** Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar aċċess għal, u interkonnnessjoni ta', xbieki ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva dwar aċċess) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 7).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Billi l-Liechtenstein u l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu għandhom jagħmlu kull impenn raġonevoli biex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-istima tal-konformità tagħhom għandha tqis is-sitwazzjoni speċifika tal-Liechtenstein u ċ-ċirkostanzi partikolari tax-xbieki żgħar ħafna tat-telekomunikazzjonijiet tiegħu, l-istruttura tas-suq tiegħu, in-numru limitat ta' klijenti tiegħu, il-potenzjal tas-suq tiegħu u l-possibbiltà ta' falliment tas-suq.

5ck. **32002 L 0020:** Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 21).

5cl. **32002 L 0021:** Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar il-qafas regolatorju komuni għal xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva qafas) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 33).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 5(2), il-kelma 'Trattat' għandha tinqara 'Ftehim';

(b) fl-Artikolu 5(3), il-kelma 'Kummissjoni' għandha tinqara 'Kummissjoni, Kumitat Permanenti, Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEKL';

(ċ) is-subparagrafu li ġej għandu jinżdied ma' l-Artikolu 7(3):

'l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' l-Istati taż-ŻEKL fuq in-naħa l-waħda u l-awtoritajiet regolatorji ta' l-Istati Membri Komunitarji fuq in-naħa l-oħra għandu jgħaddi minn idejn l-Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEKL u l-Kummissjoni.'

(d) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jinżdiedu ma' l-Artikolu 15(4):

“Wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali l-Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEKL tista' tadotta deċiżjoni li tidentifika swieq trasnazzjonali bejn żewġ Stati taż-ŻEKL jew iktar.

Jekk jew l-Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEKL jew il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tidentifika suq trasnazzjonali, li jolqot kemm Stat taż-ŻEKL kif ukoll Stat Membru Komunitarju, huma għandhom jikkoperaw bil-ħsieb li jaqblu fuq deċiżjonijiet identiċi li jidentifikaw suq trasnazzjonali, li jolqot kemm Stat taż-ŻEKL u (Stat Membru) Komunitarju. L-Artikolu 109 għandu japplika mutatis mutandis.'

5cm. **32002 L 0022:** Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizzi universali u drittijiet ta' utenti konnessi ma' xbieki u servizzi ta' komunikazzjonijiet eletroniċi (Direttiva dwar Servizzi Universali) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 51).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw ma' l-adattamenti li ġejjin:

Billi l-Liechtenstein u l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu għandhom jagħmlu kull impenn raġonevoli biex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-istima tal-konformità tagħhom għandha tqis dovutement is-sitwazzjoni speċifika tal-Liechtenstein u ċ-ċirkostanzi partikolari tax-xibka żgħira ħafna ta' telekomunikazzjonijiet tiegħu, l-istruttura tas-suq tiegħu, in-numru limitat ta' klijenti tiegħu, il-potenzjal tas-suq tiegħu u l-possibbiltà ta' falliment tas-suq.

Il-Liechtenstein għandu jinnotifika lill-Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEKL kull fattur li jista' jinh-tieġ li jitqies fl-applikazzjoni tal-parametri, definizzjonijiet u metodi ta' miżuri miġjuba fl-Anness III.

Wara n-notifika, l-impriża maħtura jistgħu jirreferu għall-fatturi tali fil-pubblikazzjonijiet rekwiżiti mill-Artikolu 11(1).”

2. It-testi tal-punti 2 (Direttiva tal-Kunsill 90/387/KEE), 5a (Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 92/264/KEE), 5b (Direttiva tal-Kunsill 92/44/KEE), 5c (komunikazzjonijiet 98/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 5cb (komunikazzjonijiet 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 5cc (komunikazzjonijiet 97/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassru b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jew fil-25 ta' Lulju 2003, liema waħda tiġri l-aħħar.

Artikolu 2

It-test tal-punt 4i (Direttiva 95/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu XVIII ta' l-Anness II mal-Ftehim għandha titħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jew il-25 ta' Lulju 2003, liema waħda tiġri l-aħħar.

Artikolu 3

It-test tal-punt 1a (Direttiva 95/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness X mal-Ftehim għandha titħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jew il-25 ta' Lulju 2003, liema waħda tiġri l-aħħar.

Artikolu 4

It-testi tad-Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħalu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.